

**IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2102****tal-15 ta' Diċembru 2020**

**li japprova l-verifiki tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u l-ħaxix imwettqa mir-Renju Unit u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(f) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' pajjiż terz, tapprova l-verifiki tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa minn dak il-pajjiż terz qabel ma ssir l-importazzjoni fl-Unjoni.
- (2) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-1 ta' Frar 2020 u fid-dawl ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ) fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit bagħat talba lill-Kummissjoni biex jiġu approvati verifiki tal-konformità mal-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa mir-Renju Unit qabel ma ssir l-importazzjoni fl-Unjoni. B'mod partikolari, ir-Renju Unit intrabat li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u l-ħaxix wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u indika l-awtorità uffiċjali u l-entitajiet ta' spezzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li tista' tagħti tali approvazzjoni minħabba li l-leġiżlazzjoni rilevanti fir-Renju Unit applikabbli fl-1 ta' Jannar 2021 għall-frott u l-ħxejjex se żżomm standards tal-kummerċjalizzazzjoni li huma ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-Unjoni.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu approvati l-verifiki dwar il-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-frott u l-ħaxix imwettqa mir-Renju Unit. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-awtorità uffiċjali fil-pajjiż terz li taħt ir-responsabbiltà tagħha jitwettqu dawk il-verifiki, kif ukoll l-entitajiet ta' spezzjoni inkarigati mill-verifiki xierqa. B'riżultat ta' din l-approvazzjoni, jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi elenkat fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
- (5) Billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-verifiki tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa mir-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jiġi emendat skont dan.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

- (7) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u sabiex tiġi ggarantita tranżizzjoni bla xkiel tal-flussi kummerċjali fis-setturi kkonċernati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u japplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tal-verifiki tal-konformità**

Il-verifiki tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-frott u l-ħaxix imwettqa mir-Renju Unit qabel l-importazzjoni fl-Unjoni huma approvati.

*Artikolu 2*

**Awtorità uffiċjali u entitajiet ta' spezzjoni**

1. Is-Segretarju tal-Istat għad-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali huwa l-awtorità uffiċjali tar-Renju Unit imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 li taħt ir-responsabbiltà tiegħu jitwettqu l-verifiki msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.
2. L-Ispettorat tal-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ortikoltura (HMI) għall-Ingilterra u Wales u l-Unità tal-Ortikoltura u l-Kummerċjalizzazzjoni tal-Gvern Skoċċiż (HMU) għall-Iskozja huma l-entitajiet ta' spezzjoni tar-Renju Unit inkarigati mill-verifiki xierqa skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2).

*Artikolu 3*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 543/2011**

L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

## “ANNEX IV

**Pajjiżi Terzi fejn il-verifiki tal-konformità ġew approvati skont l-artikolu 15 u l-prodotti kkonċernati**

| Pajjiż                       | Prodotti                         |
|------------------------------|----------------------------------|
| L-Iżvizzera                  | Frott u ħaxix frisk              |
| Il-Marokk                    | Frott u ħaxix frisk              |
| L-Afrika t'Isfel             | Frott u ħaxix frisk              |
| Iżrael <sup>(1)</sup>        | Frott u ħaxix frisk              |
| L-Indja                      | Frott u ħaxix frisk              |
| New Zealand                  | Tuffieħ, lanġas u frott tal-kiwi |
| Is-Senegal                   | Frott u ħaxix frisk              |
| Il-Kenja                     | Frott u ħaxix frisk              |
| It-Turkija                   | Frott u ħaxix frisk              |
| Ir-Renju Unit <sup>(2)</sup> | Frott u ħaxix frisk”             |

<sup>(1)</sup> L-approvazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tingħata għall-frott u l-ħaxix li joriġinaw fl-Istat ta' Iżrael, minbarra t-territorji taħt l-Amministrazzjoni Iżraeljana minn Ġunju 1967, jiġifieri tal-Artijiet Għoljin tal-Golan, tal-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalem tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

<sup>(2)</sup> F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.